32003R2112

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EEC) Nru 2112/2003

ta' l-1 ta' Diċembru 2003

li jikkorreġi r-Regolament Nru 1334/2003 li jemenda l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' numru ta' additivi fil-għalf li jappartjieni għall-grupp ta' mikro-elementi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda l-addittivi fil-għalf ta' l-annimali [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1756/2002 [2] u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 9d u 9e tagħha,

Billi:

(1) L-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1334/2003 [3] fih żball tat-tipa li jeħtieġ li jiġi kkoreġut.

(2) Il-miżuri provvduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1334/2003 huwa emendat kif ipprovvdut fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 270, ta' -14.12.1970, p. 1.
[2] ĠU L 265, tat-3.10.2002, p. 1.
[3] ĠU L 187, tas-26.7.2003, p. 11.

L-ANNESS

Il-lista ta' l-additivi taħt l-intestatura "E1 Il-Fe tal-ħadid" hija mibdula b'dan li ġej:

Nru (KE)	L-Element	L-Addittiv	Il-Formola kimika u d-deskrizzjoni	Il-Kontenut massimu ta' l-element f'mg/kg tal-għalf ikkompletat jew f'mg/kull jum	Disposizz-jonijiet Oħra	It-Tmiem tal-perjodu taż-żmien ta' l-awtorizzazzjoni
Il-Mikro-Elementi						
1.E.	Il-Fe tal-ħadid	Il-Karbonat tal-ħadid	$FeCO_3$	L-Ovinin500 (total) mg/kg tal-għalf ikkompletat. L-Annimali pets: 1 250 (total) mg/kg ta' għalf ikkompletat. Il-Ħnieżer: — il-qżieżeż sa ġimgħa qabel il-ftama: 250 mg/kuljum — il-ħnieżer l-oħra: 750 (total) mg/kg tal-għalf ikkomplettat L-Ispeċji l-oħra: 750 (total) mg/kg tal-għalf ikkompletat		Mingħajr limitu taż-żmien'
		Il-Klorur tal-ħadid, tetraidrat	$FeCI_2.\ 4H_2O$			
		Il-Klorur tal-ħadid, eksaidrat	$FeCI_3.\ 6H_2O$			
		Iċ-Ċitrat tal-ħadid, eksaidrat	$Fe_3(C_6H_2O_7)_2.6H_2O$			
		Il-Fumarat tal-ħadid	$FeC_4H_2O_4$			
		Il-Lattat tal-ħadid, tri-idrat	$Fe(C_3H_5O_3)_2.3H_2O$			
		L-Ossidu tal-Ħadid	Fe_2O_3			
		Is-Sulfat tal-ħadid, mono-idrat	$FeSO_4H_2O$			
		Is-Sulfat tal-ħadid, eptaidrat	$FeSO_4.7H_2O$			
		Iċ-Ċelat tal-ħadid ta' l-amino-aċidi, idrat	$Fe(x)_{1-3}.nH_2O$ (x = anjonu ta' kull amino aċidu dderivat mill-proteina idrolizzata tas-*soya*) Il-piż molekulari ma jaqbiżx il-1 500			